



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 24 ta' Awwissu 2020
(OR. en)

10195/20

Fajl Interistituzzjonali:
2020/0162(NLE)

PROBA 19
AGRI 229
WTO 134

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmit minn Ilze JUHANSONE
data meta waslet:	4 ta' Awwissu 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 353 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 353 final.

Mehmuż: COM(2020) 353 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 4.8.2020
COM(2020) 353 final

2020/0162 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali
taċ-Ċereali dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-
Ċereali tal-1995**

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna d-deċiżjoni li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali b'rabta mal-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 ("il-Konvenzjoni") għandha l-għan li tkompli l-kooperazzjoni internazzjonali fl-aspetti kollha tal-kummerċ taċ-ċereali, li tippromwovi l-espansjoni tal-kummerċ internazzjonali taċ-ċereali u li tiżgura l-aktar fluss tal-kummerċ ħieles possibbli ta' dawn il-oġġetti. Barra minn hekk, il-Konvenzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi kemm jista' jkun għall-istabbiltà tas-swieq internazzjonali taċ-ċereali fl-interess tal-membri kollha, li ssaħħa is-sigurtà alimentari dinjija u li tipprovdi forum għall-iskambju tal-informazzjoni u diskussjoni dwar it-tħassib tal-membri rigward il-kummerċ taċ-ċereali.

Il-Konvenzjoni daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995.

L-Unjoni hija parti tal-Konvenzjoni¹.

2.2. Il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali

Il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali ("IGC") li jamministra l-Konvenzjoni huwa organizzazzjoni intergovernattiva ibbażata f'Londra li tfittex li tilħaq l-oġġettivi stipulati fl-Artikolu 1 tal-Konvenzjoni. B'mod partikolari, l-IGC għandu l-għan li:

- (a) isahha il-kooperazzjoni internazzjonali fl-aspetti kollha tal-kummerċ taċ-ċereali;
- (b) jippromwovi l-espansjoni, il-ftuħ u l-ġustizzja tal-kummerċ internazzjonali fis-settur taċ-ċereali;
- (c) jikkontribwixxi għall-istabbiltà tas-suq internazzjonali taċ-ċereali, filwaqt li jtejjeb is-sigurtà alimentari dinjija u jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' pajjiżi li l-ekonomiji tagħhom jiddependu fuq il-bejgħ kummerċjali taċ-ċereali.

Dawn l-oġġettivi huma mfittxija permezz tat-titjib tat-trasparenza tas-suq bis-saħħa tal-kondiviżjoni tal-informazzjoni, l-analiżi u l-konsultazzjoni dwar l-iżviluppi tas-suq u tal-politika.

Bħalissa, l-IGC għandu 29 membru, li jinkludu ħafna mill-akbar produttori u importaturi taċ-ċereali fid-dinja. Minbarra l-Unjoni, il-membri tiegħu huma l-Arġentina, l-Awstralja, il-Kanada, l-Eġittu, l-Indja, il-Ġappun, ir-Russja, l-Ukrajna u l-Istati Uniti, fost l-oħrajn. L-aħħar pajjiż li nġhaqad mal-organizzazzjoni kien ir-Repubblika tas-Serbja, li sar membru fl-1 ta' April 2020. Madankollu, iċ-Ċina u l-Brażil mhumiex membri.

Id-29 membru tal-IGC għandhom total ta' 2,000 vot.

Għall-proċeduri baġitarji (ara l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni), jiġifieri għall-iffissar tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali tal-membri, l-Unjoni għandha 372 vot fl-2019/20².

¹ GÜ L 21, 27.1.1996, p. 47.

² Il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jopera fuq bażi ta' sena finanzjarja, li tibda mill-1 ta' Lulju u tintemm fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

Għat-teħid tad-deċiżjonijiet, jiġifieri meta jittieħdu l-voti (ara l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni), jitqassmu 1,000 vot għall-11-il membru esportatur (inkluż l-Unjoni b'245 vot) u 1,000 vot għat-18-il membru importatur. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat li fil-prinċipju, l-IGC jopera fuq il-bażi ta' kunsens, u fil-verità rari ħafna ssir votazzjoni.

Fil-laqgħat tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, l-Unjoni hija rrappreżentata mill-Kummissjoni bis-saħħa tal-Artikolu 17 tat-TFUE. L-Istati Membri jistgħu jattendu l-laqgħat tal-IGC, b'mod partikolari s-Sessjonijiet tal-Kunsill.

2.3. L-att previst tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali

Fid-9 ta' April 2020, ir-Renju Unit³ applika formalment għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni. Fl-14 ta' April 2020, is-Segretarjat tal-IGC għarraf lill-membri tiegħu dwar l-applikazzjoni tar-Renju Unit. Ir-Renju Unit japplika għas-sħubija fl-IGC mill-1 ta' Jannar 2021, jiġifieri wara l-iskadenza tal-perjodu ta' tranżizzjoni b'segwitu għall-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea.

Skont l-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni, l-adeżjoni hija miftuħa għall-Gvernijiet tal-Istati kollha bil-kundizzjonijiet li l-Kunsill iqis xierqa. F'konformità mar-Regola 33(d) tar-Regoli tal-Proċedura taħt il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali ("Regoli tal-Proċedura") il-Kumitat Amministrattiv jikkunsidra u jirrakkomanda lill-Kunsill l-applikazzjonijiet għall-adeżjoni skont l-Artikolu 27(2).

Il-voti tal-pajjiż aderenti għall-finijiet tal-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni (jiġifieri l-kontribuzzjoni finanzjarja annwali tal-membri), huma ddeterminati mill-proporzjon tal-kummerċ totali taċ-ċereali tal-pajjiżi aderenti fil-kummerċ totali taċ-ċereali tal-pajjiżi membri kollha tal-IGC, f'konformità mar-Regola 33(b) tar-Regoli tal-Proċedura.

Skont l-Artikolu 12(1) tal-Konvenzjoni, il-Kunsill jeħtieġ jistabbilixxi l-membri li se jkunu membri esportaturi u l-membri li se jkunu membri importaturi għall-finijiet tal-Konvenzjoni, billi jitqiesu x-xejriet tal-kummerċ taċ-ċereali u l-opinjonijiet ta' dawk il-membri. Il-Kunsill se jiddetermina wkoll id-drittijiet tal-vot tagħhom, f'konformità mal-paragrafi 2 u 3 tal-istess dispożizzjoni.

Id-diskussjoni dwar l-applikazzjoni tar-Renju Unit bdiet fil-Kumitat Amministrattiv tal-IGC fil-11 ta' Mejju 2020 u kompliet fil-51 Sessjoni tal-Kunsill tal-IGC fit-8 ta' Ġunju 2020 (permezz ta' vidjokonferenza). F'din is-Sessjoni, il-Kunsill qabel li d-deċiżjoni formali dwar l-applikazzjoni tar-Renju Unit jenħtieġ li tittieħed permezz ta' proċedura bil-miktub (votazzjoni bil-posta) u l-membri tal-IGC jenħtieġ li jibagħtu l-kummenti tagħhom lis-Segretarjat sat-30 ta' Ottubru 2020. Dment li ma tintbagħat l-ebda oġġezzjoni bil-miktub lis-Segretarjat tal-IGC minn membru tal-IGC sat-30 ta' Ottubru 2020, se jitqies li s-sħubija tar-Renju Unit fl-IGC ġiet approvata b'effett mill-1 ta' Jannar 2021.

Għalkemm ma hemmx regoli speċifiċi stabbiliti fil-Konvenzjoni dwar il-proċedura tal-votazzjoni bil-posta (jew proċedura bil-miktub), l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar "id-deċiżjonijiet tal-Kunsill", ma jitlobx li jittieħdu deċiżjonijiet bħal dawn waqt sessjoni tal-Kunsill.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ

F'konformità mal-Artikolu 129(2) tal-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika⁴ ("il-Ftehim dwar il-Ħruġ"), waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-Unjoni se tibqa' tirrappreżenta lir-Renju Unit fil-

³ Permezz tal-Ittra tal-Ministru tal-Istat għad-DEFRA, id-DFID u l-FCO.

⁴ Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

ħidma ta' kwalunkwe korp stabbilit bil-ftehimiet internazzjonali konklużi mill-Unjoni. Waqt il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit jenħtieġ li jżomm lura minn kwalunkwe azzjoni jew inizzjattiva li tista' tippreġudika l-interessi tal-Unjoni. Madankollu, kif stabbilit bl-Artikolu 129(4) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit jista' jinnegozja, jiffirma u jirratifika ftehimiet internazzjonali li jidħol għalihom fil-kapaċità tiegħu stess fl-oqsma ta' kompetenza esklużiva tal-Unjoni, dment li daww il-ftehimiet ma jidħlux fis-seħħ jew ma jkunux japplikaw matul il-perjodu ta' tranżizzjoni.

3. POŻIZZJONI LI JEĦTIEĠ TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 ġiet konklużi mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE⁵ sat-30 ta' Ġunju 1998. Kull darba, il-Konvenzjoni tiġi estiża għal perjodu massimu ta' sentejn f'konformità mal-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni. Ġiet estiża l-aħħar f'Ġunju 2019 permezz ta' deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, u se tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2021⁶.

L-Unjoni minn dejjem kienet membru attiv tal-IGC u appoġġat l-espansjoni tal-organizzazzjoni.

Ir-Renju Unit huwa produttur importanti tal-prodotti agrikoli, inkluż iċ-ċereali li huma l-għelejjel ewlenin koperti mill-IGC. Waqt li kien membru tal-Unjoni, ir-Renju Unit kelli kummerċ sinifikanti ta' diversi ċereali ma' Stati Membri oħra tal-UE.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni wara l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni, ir-Renju Unit jibqa' marbut bil-ftehimiet internazzjonali tal-Unjoni u l-Unjoni se tkompli tirrappreżenta lir-Renju Unit fl-IGC.

F'konformità mal-Artikolu 21(5) tal-Konvenzjoni, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji annwali tal-membri għandhom jitħallsu minnufih malli ssir il-valutazzjoni. Għaldaqstant, l-Unjoni tħallas il-kontribuzzjonijiet annwali tagħha lill-IGC f'Lulju u Awwissu għas-sena finanzjarja kollha kkonċernata, li tibda' f'Ġunju u tintemm f'Lulju tas-sena ta' wara. Il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-2020/21 se titħallas mill-baġit tal-Unjoni għall-2020 li r-Renju Unit jikkontribwixxi wkoll għalih.

B'konsegwenza ta' dan, fir-rigward tas-sena finanzjarja kollha tal-2020/21, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni għall-IGC se tkopri wkoll lir-Renju Unit.

L-għan ta' din il-proposta hu li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni fl-IGC dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni mill-1 ta' Jannar 2021.

Peress li l-proċedura tal-adeżjoni skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni hija soġġetta għal deċiżjoni mill-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali, il-pożizzjoni tal-Unjoni se tiġi stabbilita abbażi tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

⁵ ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47.

⁶ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/813 tas-17 ta' Mejju 2019, (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 19).

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jstabbilixxu “*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f’ isem l-Unjoni f’sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*”.

Il-kunċett ta’ “*atti li jkollhom effetti legali*” jinkludi l-atti li jkollhom effetti legali bis-saħħa tar-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregolaw is-sede kkonċernata.

4.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-att previst tal-IGC għandu l-effett li jestendi s-sħubija ta’ l-IGC. L-att previst tal-IGC għandu effetti legali minħabba li se jstabbilixxi l-kundizzjonijiet tat-tali adeżjoni, b’mod partikolari għaliex se taffettwa l-bilanċ tad-deċiżjonijiet fi ħdan l-IGC, li d-deċiżjonijiet tiegħu jeħtieġu l-maġġoranza tal-membri esportaturi u importaturi, u li huma vinkolanti għall-membri tiegħu, kif espress fl-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji rispettivi tal-Partijiet se jiġu affettwati wkoll. Għaldaqstant, jeħtieġ li tiġi stabbilita l-pożizzjoni tal-Unjoni.

L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hi l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Baży ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-baży ġuridika sostantiva biex tittieħed deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament mill-oġġettiv u mill-kontenut tal-att previst li dwaru tittieħed pożizzjoni f’isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista’ jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq baży ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ

L-oġġettiv u l-kontenut ewlenin tal-att previst jirrigwardaw il-kummerċ fil-prodotti agrikoli.

Għalhekk, il-baży ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hi l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-baży ġuridika tad-Deċiżjoni proposta jenħtieġ li tkun l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 ("il-Konvenzjoni") li daħlet dis-seħħ fl-1 ta' Lulju 1995 ġiet konkluża mill-Unjoni permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE⁷. Il-Konvenzjoni ġiet konkluża inizjalment għal perjodu ta' tliet snin.
- (2) Skont l-Artikolu 33 tal-Konvenzjoni, il-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jista' jestendi l-Konvenzjoni għal perjodi suċċessivi ta' mhux aktar minn sentejn kull darba. Mill-konklużjoni tagħha, il-Konvenzjoni ġiet estiża regolarment għal perjodi oħra ta' sentejn. Il-Konvenzjoni ġiet estiża l-aħħar permezz tad-deċiżjoni tal-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fl-10 ta' Ġunju 2019⁸, u se tibqa' fis-seħħ sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (3) Skont l-Artikolu 27(2) tal-Konvenzjoni, hi miftuħa għall-adeżjoni mill-Gvernijiet tal-Istati kollha taħt il-kundizzjonijiet li l-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali jqis xierqa.
- (4) Fid-9 ta' April 2020, ir-Renju Unit applika formalment għall-adeżjoni mal-Konvenzjoni mill-1 ta' Jannar 2021.
- (5) Ir-Renju Unit huwa produttur ewlieni taċ-ċereali, b'mod partikulari tax-xgħir u l-qamħ. Jekk tingħata l-approvazzjoni tal-applikazzjoni tar-Renju Unit biex jissieħeb mal-Konvenzjoni u konsegwentement biex jipparteċipa fil-Kunsill, ir-Renju Unit se jkun membru importatur f'konformità mal-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni. Peress li l-Unjoni hija membru esportatur, l-adeżjoni tar-Renju Unit mhix se timpatta n-numru ta' voti allokat lill-Unjoni għall-finijiet tal-votazzjoni skont l-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni. Mis-sena finanzjarja tal-2021/22, l-adeżjoni tar-Renju Unit madankollu se tnaqqas in-numru tal-voti allokat lill-Unjoni skont l-Artikolu 11 tal-Konvenzjoni, li jintuża biex tiġi ddeterminata l-kontribuzzjoni finanzjarja tal-membri.
- (6) Jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali u li tiġi approvata l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-

⁷ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 96/88/KE tad-19 ta' Diċembru 1995 dwar l-approvazzjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali u l-Konvenzjoni dwar l-Għajjuna Alimentari, li jikkostitwixxu l-Ftehim Internazzjonali dwar iċ-Ċereali tal-1995 (ĠU L 21, 27.1.1996, p. 47).

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/813 tas-17 ta' Mejju 2019 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali fir-rigward tal-estensjoni tal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995 (ĠU L 133, 21.5.2019, p. 19).

Konvenzjoni abbażi tal-kundizzjonijiet mistennija ddettalġati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja annessa ma' din id-Deċiżjoni u dment li l-adeżjoni ma tidħolx fis-seħħ u l-Konvenzjoni ma tiġix applikata b'mod proviżorju fir-rigward tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali għandha tkun li tiġi approvata l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995, abbażi tal-kundizzjonijiet mistennija ddettalġati fid-Dikjarazzjoni Finanzjarja annessa ma' din id-Deċiżjoni u dment li l-adeżjoni ma tidħolx fis-seħħ u l-Konvenzjoni ma tiġix applikata b'mod proviżorju fir-rigward tar-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni msemmi fl-Artikolu 126 tal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA			Fin Stat/20/MK/pl/341379 3 agri.ddg3.g.4(2020)33 25110 6.22.2020 DATA: 06/06/2020
1.	INTESTATURA TAL-BAĠIT: Kapitolu 05 06 ASPETTI INTERNAZZJONALI TAL-QASAM TAL-POLITIKA TAL-“AGRIKOLTURA U L-IŻVILUPP RURALI” 05 06 01 Ftehimiet agrikoli internazzjonali		APPROPRJAZZJONI IET: B2020:EUR 6.300.000
2.	TITOLU: Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li jeħtieġ tittieħed f’isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill Internazzjonali taċ-Ċereali dwar l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995		
3.	BAŻI ĠURIDIKA: L-Artikolu 207(4) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu, jiffirmaw il-bażi ġuridika ta’ din il-proposta.		
4.	GĦANIJIET: Li tiġi approvata l-adeżjoni tar-Renju Unit mal-Konvenzjoni dwar il-Kummerċ taċ-Ċereali tal-1995.		
5.	IMPLIKAZZJONIJIET FINANZJARJI	PERJODU TA’ 12-IL XAHAR (EUR)	SENA FINANZJARJA KURRENTI 2020 (EUR)
5.0	NEFQA - IDDEBITATA LILL-BAĠIT TAL-UE (RIFUŻJONIJIET/INTERVENTI) - AWTORITAJIET NAZZJONALI - OĦRAJN		-3 024
5.1	DĦUL - RIŻORSI PROPRI TAL-UE (IMPOSTI/DAZZI DOGANALI) - NAZZJONALI		
5.0.1	NEFQA PROĠETTATA		
5.1.1	DĦUL STMAT		
5.2	METODU TAL-KALKOLU: 4 voti inqas għall-UE, 756 GBP/ vot		
6.0	IL-PROĠETT JISTA’ JIĠI FFINANZJAT MILL-APPROPRJAZZJONIJIET IMDAĦĦLA FIL-KAPITOLU RILEVANTI TAL-BAĠIT KURRENTI?		IVA LE
6.1	IL-PROĠETT JISTA’ JIĠI FFINANZJAT PERMEZZ TA’ TRASFERIMENT BEJN KAPITOLI TAL-BAĠIT KURRENTI?		IVA LE
6.2	SE JKUN HEMM BŻONN TA’ BAĠIT SUPPLIMENTARI?		IVA LE
6.3	SE JKUN HEMM BŻONN LI JIDDAĦĦLU L-APPROPRJAZZJONIJIET F’BAĠITS FUTURI?		IVA LE
Id-deċiżjoni se jkollha impatt pożittiv żgħir għall-baġit tal-UE mill-baġit tal-2021. Il-kontribuzzjoni tal-UE mistennija tkun EUR 3 024 inqas, peress li r-Renju Unit se jħallas it-			

tariffa tas-sħubija tiegħu stess. L-ammont jista' jvarja skont l-ammont li jeħtieġ jitħallas għal kull vot f'GBP u skont ir-rata tal-kambju tal-EUR/GBP.